MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2001

Avvi$Z Numru. 471/2001/1

**Avviz Nru:- 471/01**

**U.C.I.M. Co. Ltd.**

**vs**

**Cleanwell Services Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta’ attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ tmien mija tnejn u tmenin liri Maltin (Lm882) rapprezentanti import ta’ disgha kambjali ta’ tmienja u disghin liri Maltin (Lm98) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Awissu 2000 sa April 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mall-avviz bhala dokumenti numri 1 sa 9 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 t'April 2001 jammontaw ghal wiehed u tletin liri Maltin (Lm31), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Marzu 2001 kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-kumpanija konvenuta ma dehrux la biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-atturi is-somma ta' tmien mija u tnejn u tmenin liri Maltin (Lm882) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mis-17 ta' April tas-sena 2001;

Bl-ispejjez kontra l-kumpanija konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------